# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' April 2018**

**Numru 17**

**Rikors numru 84/12 AF**

**Antonio Busuttil**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija,**
**Kummissarju tat-Taxxi Interni u**
**l-Avukat Generali**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrent Antonio Busuttil minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti] fis-26 ta' April 2017, li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt illi lliberat lill-Kummissarju tat-

Taxxi Interni mill-osservanza tal-gudizzju, cahdet it-talbet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

## Il-Fatti

2. Il-fatti relevanti ghal dan l-appell huma sufficjentement delineati fis-sentenza appellata bil-mod segwenti:

> "<u>Illi l-fatti fil-qosor huma dawn:</u>
>
> "Fl-1996 l-esponenti dahal jahdem mal-kumpanija Marsalite Limited u xoghlu kien li jiehu hsieb is-sales.
>
> "Fis-sena 2001 wiehed mis-shareholders tal-kumpanija, MCL Limited riedet tbiegh s-shares. Dak iz-zmien kien hemm zewg persuni ohra li kienu diretturi u cioè Ronnie Cauchi (Managing Director) u kif ukoll David Agius (Worker Director). Saqsew lil-esponenti kienx interessat li jidhol shab maghhom fis-sens u jsir shareholder u l-esponenti accetta u meta hargu l-MCL Limited, l-esponenti dahal b'shareholding ta' ftit anqas minn 25%. Dakinhar l-esponenti sar direttur tal-kumpanija però xoghlu kien u baqa' biss fuq sales u ma kien involut bl-ebda mod fuq administration li baqa' f'idejn Ronnie Cauchi li kien il-Managing Director.
>
> "Billi l-esponenti ma kien jifhem assolutament xejn fuq administration u accounts, huwa insista illi jitqabbad financial controller u fil-fatt ghal dan l-iskop inhatar certu Charles Sciriha.
>
> "Wara numru ta snin il-kumpanija bdiet sejra lura u fl-2005 l-esponenti gie mistoqsi jekk kienx interessat li jitrasferixxi s-shares tieghu fil-kumpanija u fl-istess hin jghin l-kumpanija biex din tkun tista tigi fuq saqajha billi tiffranka l-paga ta l-esponenti. Eventwalment wara diversi negozjati sar ftehim li s-shares tal-esponenti jigu trasferiti lil Ronnie Cauchi u David Agius. L-esponenti spicca mil-impieg u minn direttur tal-kumpanija b'effett mil-1 ta' Marzu 2006.
>
> "Fil-meetings li saru qabel ma sehh l-ftehim imsemmi, l-unika dejn li kien jissemma' kien id-dejn mal-MCL billi kien hemm bilanc outstanding tas-shares u d-dejn li kien hemm mal-banek. Id-dejn tal-

bank kien issemma' wkoll ghaliex fiz-zmien meta l-esponenti kien direttur, huwa kien wiehed mill-garanti solidali ghal dan id-dejn. Ghalhekk meta sar il-ftehim fuq imsemmi, gie miftiehem ukoll illi l-esponenti jigi rilaxxat mid-dejn li kien hemm mal-banek u kif ukoll kien hemm xi aspetti ohra ta' natura finanzjarja. Apparti dan kellu jigi kompensat ghas-shares.

"Fil-meetings kollha li saru fiz-zmien kollu li l-esponenti kien direttur, qatt ma ssemma' li kien hemm problemi ta' taxxa jew li t-taxxa provvizorja jew in-National Insurance (NI) tal-impjegati ma kienetx qed tithallas. Anzi, mill-ftit accounts li gew murija lill-esponenti ma kien hemm ebda indikazzjoni li dawn kienu outstanding. Din l-informazzjoni giet mohbija minnu. Da parti tal-esponenti, billi huwa wkoll kien impjegat, l-esponenti kien jircievi l-FS3 tieghu kull sena u l-NI u l-*provisional tax* tieghu kien jigi indikat bhala mhallas u ghalhekk meta l-esponenti spicca minn mal-kumpanija, apparti li halla l-assi kollha f'idejn d-diretturi Agius u Cauchi, huwa ma kellux l-icken suspett li kien hemm dejn ta' *provisional tax* u NI tal-impjegati. L-assi tal-kumpanija dak iz-zmien kienu sostanzjali u bil-pakkett li gie miftiehem mieghi, dak li kellu jinghata lili ghat-trasferiment tas-shares u bilanċ li kelli niehu tal-paga tieghi kienu biss frazzjoni ta' kemm kienet tiswa l-kumpanija.

"Hames snin wara li l-esponenti telaq mil-kumpanija, huwa gie akkuzat kif fuq premess u din kienet l-ewwel darba li l-esponenti sar jaf illi kien hemm pretensjonijiet minn naha tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar t-taxxa provvizorja u n-NI tal-impjegati u li allegatament il-formoli relattivi ma kienux intbaghtu. Meta l-esponenti kien direttur tal-kumpanija, dan il-fatt gie mohbi lilu mid-diretturi l-ohra. Lanqas il-financial controller Charles Sciriha qatt ma semma xejn. Huwa hass ruhu li gie ngannat minnhom.

"Meta, hames snin wara, huwa gie informat bl-akkuza fuq imsemmija huwa kien ilu li telaq mil-kumpanija u ma kellux jedd li jirrapprezentaha, li jkollu access ghar-records taghha biex jibghat il-formoli jew b'xi mod jutilizza l-assi tas-socjetà biex jithallas dak mitlub mil-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Inoltre, wara li l-esponenti telaq fit-28 ta Frar 2006 l-esponenti ma kellu ebda kontroll fuq l-andament u assi tal-kumpanija izda jirrizulta li sa meta inbdew l-proceduri kontra l-esponenti d-dirtetturi l-ohra li komplew jiġġestixxu l-kumpanija ghal-hames snin shah, gabu l-kumpanija fi stat ta falliment.

"L-esponenti jzid ukoll illi bejn is-snin 2003 u 2006 il-paga tal-esponenti kienet ġġib t-total ta' cirka €60,000.

> "L-ammont pretiz mil-Kummissarju tat-Taxxi huwa, skond kif gie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, fl-ammont ta' ftit inqas minn €380,000."[1]

**Mertu**

3. Ir-rikorrent jikkontendi primarjament li gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni], minhabba t-trapass ta' diversi snin ta' inazzjoni da parti tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-gbir ta' taxxi[2] dovuti mill-kumpannija Marsalite Limited [il-kumpannija]. Skont ir-rikorrent, huwa qatt ma gie mgharraf bil-fatt li l-kumpannija ma kienetx qed thallas dawn it-taxxi u ma kienetx qeghdha tissottometti l-formoli relattivi. Meta eventwalment fis-sena 2011 huwa gie mixli personalment, bhala direttur, bir-reati kommessi mill-kumpannija[3] konsistenti fin-nuqqas li jintbaghtu l-formoli tat-taxxa tal-FSS u SSC u li tithallas it-taxxa relattiva bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-ligijiet fiskali[4] il-kumpannija kienet diga` insolventi u ma kienetx ghadha topera. Ir-rikorrent jghid illi n-nuqqas tal-intimat

---

[1] [Recte: €323,494]

[2] Taxxa skond il-Final Settlement System [FSS] u kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Socjali [SSC] dovuti mill-kumpannija fuq is-salarju tal-impjegati tal-kumpannija, ghas-snin 2003, 2004, 2005 u 2006.

[3] Ir-rikorrent kien wiehed mid-diretturi tal-kumpannija fis-snin li fihom kienet dovuta t-taxxa.

[4] Art.23[1][2] tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u r-regolamenti 15, 20, 21 u 22 tar-regoli tas-sena 1998 dwar il-Final Settlement System u l-Avviz Legali 88/1998

Kummissarju tat-Taxxi Interni li jagixxi ghall-gbir tat-taxxa fi stadju bikri u tempestiv, sarraf fi ksur tad-dritt tieghu li jinghata smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kif protett bl-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikati.

4. Ir-rikorrent isostni ulterjorment li dan kollu sar ukoll bi ksur tad-dritt tieghu li jigi prezunt innocenti sakemm jigi misjub hati ghaliex, minkejja li huwa kien in buona fede u baqa' qatt ma gie mgharraf mid-diretturi l-ohrajn jew mill-intimat il-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar dawn in-nuqqasijiet fiskali tal-kumpannija, huwa baqa' jigi mizmum responsabbli personalment u kriminalment bil-fatt wahdu li kien direttur tal-kumpannija fiz-zmien meta l-kumpannija naqset milli tibghat il-formoli tat-taxxa u thallas it-taxxi relattivi.

5. Jilmenta ulterjorment illi dan id-dewmien fisser ukoll li, galadarba ma kienx ghadu inkarigat bir-rapprezentanza jew direzzjoni tal-kumpannija ormai maghluqa, huwa ma seta' jaghmel xejn biex jirrimedja s-sitwazzjoni ghaliex sadanittant l-assi tal-kumpannija ghebu jew thallew jigu sparpaljati. Inoltre li ma kienx ghad hemm lanqas access ghad-dokumenti u kotba li setghu jghinuh fid-difiza tieghu fil-proceduri kriminali. Dan wassal ukoll ghall-ksur tal-principju ta' *equality of arms*.

6. Finalment, ir-rikorrent isostni li d-drittijiet tieghu kif protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni gew lezi meta, oltre li nzamm personalment responsabbli ghall-hlas tat-taxxa tal-FSS u SSC, taxxa addizzjonali in linea ta' multi amministrattivi skont il-Kap. 372 u l-Avviz Legali 88 tal-1998, gie kkundannat ulterjorment permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Dicembru 2012[5] fl-ismijiet Il-Pulizija vs Antonio Busuttil, ghall-hlas ta' multa fis-somma ta' €400 pju` penali fis-somma ta' €4 ghal kull gurnata li tghaddi sakemm jikkonforma ruhu mal-ligi u tithallas it-taxxa dovuta. Skont ir-rikorrent, huwa jinsab fl-impossibbilita` li jhallas dak li komplessivament huwa mistenni li jhallas. Fuq kollox, jilmenta li l-mizuri li ttiehdu fil-konfront tieghu, senjatament il-*quantum* ezorbitanti tat-taxxa u multi li l-hlas taghhom l-iStat qed jesigi minghandu, abbinat mal-pieni inflitti fuqu fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontrih, huma oneruzi wisq u ukoll huma neqsin mill-element ta' proporzjonalita` jew bilanc xieraq bejn l-interess tal-iStat li jigbor it-taxxi lilu dovuti u d-dritt tieghu ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta` tieghu skont kif sancit fl-imsemmija artikoli tal-Kostitizzjoni u l-Konvenzjoni.

7. Fir-rikors promotur ir-rikorrent ghamel is-segwenti talbiet:

> "1. Tiddikjara li bis-sentenzi fuq citati gew lezi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanciti bl-Artikoli 6 u l-Art. 1

[5] Din is-sentenza nghatat fuq zewg appelli mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fit-23 ta' Marzu 2012 fl-istess proceduri.

Protokol 1 tal-Kap. 319 u l-Art. 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;"

"2. Tiddikjara dawk il-partijiet tal-Kap. 372 u l-Avviz Legali 88 tal-1998 imorru kontra l-artikoli fuq citati tal-Kap. 319 u l-Kostituzzjoni ta' Malta f'dak li jirrigwarda r-responsabbilità personali ta' direttur ta' kumpanija wara li jispicca minn din l-kariga u l-mument li jibda jsehh iz-zmien ghall-finijiet tal-preskrizzjoni;"

"3. Taghti rimedju xieraq u effettiv kompriz però mhux limitat ghat-thassir tas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u tal-Qorti tal-Appell fuq citati kif wkoll tikkundanna lill-intimati jhallsu kumpens ghad-danni attwali u danni morali sofferti mill-esponenti minhabba l-process u proceduri imsemmija."

8. L-intimati Kummissarju tal-Pulizija, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-Avukat Generali, fir-risposta taghhom ipprezentata fit-22 ta' Settembru 2013, eccepew b'mod preliminari illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni gie mharrek ghalxejn ghaliex dan ma huwiex il-legittimu kontradittur skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghat-talbiet tar-rikorrent. Laqghu ghall-azzjoni, wkoll in linea preliminari, billi stiednu lir-rikorrent jindika espressament dawk l-artikoli tal-ligi fil-Kapitolu 372 u l-Avviz Legali 88 tal-1988 li jghid li jmorru kontra l-Artikoli citati minnu fir-rikors promotur.

9. Fil-mertu, l-intimati laqghu ghall-azzjoni billi sostnew li skont il-fatti ta' dan il-kaz ma hu ravvizat ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikoli tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni minnu citati fir-rikors tieghu, ghal diversi ragunijiet imsemmija fir-risposta taghhom.

## Is-Sentenza Appellata

10. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li, ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell, qeghdin jigu hawn riprodotti:-

> "Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti ssib illi permezz tas-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Antonio Busuttil ġie lez id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Huwa jilmenta wkoll illi l-imsemmija sentenzi jilledu d-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà a tenur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.
>
> "Mill-provi prodotti jirriżulta illi fis-sena 1996 huwa gie impjegat mis-soċjetà Marsalite Limited u li xogħlu kien fis-*sales*. Fis-sena 2001 ir-rikorrent sar direttur ta' din is-soċjetà u dam f'din il-kariga sakemm irreżenja fis-sena 2006. Ir-rikorrent jgħid illi fl-aħħar snin illi kien direttur ta' Marsalite Limited din bdiet sejra ħażin finanzjarjament iżda li sakemm dam direttur, huwa qatt ma ġie nfurmat illi l-kumpanija ma kienitx qiegħda tonora l-obbligi tagħha li tħallas it-taxxi u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati tagħha. Madanakollu, ix-xhud Winifred Flores Martin li fiż-żmien in kwistjoni kienet impjegata bħala *book-keeper* mas-soċjetà Marsalite Limited, isostni li r-rikorrent, bħala direttur, kien jaf illi l-kumpannija ma kienitx qiegħda tonora l-obbligi tagħha li tħallas it-taxxi u kontribuzzjonijiet skont il-liġi.
>
> "Fis-sena 2011, u ċioè ħames snin wara li r-rikorrent irreżenja minn direttur tas-soċjetà Marsalite Limited, huwa ġie akkużat talli bħala direttur tas-soċjetà msemmija għas-snin 2003 sa 2006 naqas milli jibgħat il-formoli tat-taxxa skont is-sub artikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regoli tal-1998 dwar il-Final Settlement System (FSS) – l-Avviż Legali 88 tal-1998, maħruġ ai termini tal-imsemmi artikolu 23, u talli naqas milli jħares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

"Permezz ta' sentenza datata 23 ta' Marzu 2012, ir-rikorrent instab ħati tal-akkuża miġjuba kontrih mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ġie kkundannat iħallas multa ta' €400. Permezz ta' sentenza datata 6 ta' Diċembru 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fejn din tal-aħħar sabet lir-rikorrent ħati tal-akkuża miġjuba kontrih u kkundannatu multa ta' €400, u b'żieda ma dan, imponiet multa addizzjonali ta' €4 għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat u ċioè sad-data meta r-rikorrent iħallas l-ammont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi, liema ammont huwa ta' €323,494. Din il-multa addizzjonali ġiet ordnata mill-Qorti skont l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta.

"Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-intimati jeċċepixxu li l-Kummissarju tat-Taxxi mhuwiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi a tenur tal-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan l-artikolu jipprovdi fl-ewwel sub inċiż illi:

> "*Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni*."

"Il-Qorti tqis li l-intimati għandhom raġun fl-eċċezzjoni tagħhom. Permezz ta' din l-azzjoni r-rikorrent qiegħed jattakka l-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu u mhux xi azzjoni diretta tal-Kummissarju tat-Taxxi u għaldaqstant, dan tal-aħħar m'huwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

"Fil-mertu, il-Qorti tibda billi tikkunsidra dawk l-ilmenti tar-rikorrent li huma bbażati fuq allegata lezjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq skont l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

"L-ewwel sub inċiż tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaqra hekk:

> "*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*"

"L-ewwel sub inċiż tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

> "*Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun*

*rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*."

"Kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Darren Aquilina vs L-Onorevoli Prim Ministru et tal-31 ta' Mejju 2013:

"*Illi hu principju assodat kemm fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, kif ukoll f'dik patria, li d-determinazzjoni tal-ezistenza o meno ta' lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq jinnecessità ezami tal-procedura gudizzjarja kollha kemm hi fit-totalità taghha.*"

"Il-Qorti tibda billi ttenni li huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea li l-funzjoni ta' din il-Qorti mhijiex li tagħmilha ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra. Kif spjegat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2010:

"*Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti*."

"L-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet J.E.M. Investments vs Avukat Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2011 qalet:

"*23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjetà rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-<u>meritu</u> izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi <u>principji procedurali</u> (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

*"24. Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:*

*a. "The question whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula", it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings". (**Application 6172/73, X v. U.K.**)*

*Jinghad ukoll li:*

*b. "It is primarily for the national law to lay down rules on the admissibility of evidence and for the national court to assess the evidence which is adduced"*

*"Izda gie precizat li:*

*c. "Notwithstanding the general statements above, the Commission stated that it would intervene where the assessment of evidence disclosed gross unfairness or arbitrariness. (**Applikazzjoni: 7987/77**). What this means in practice has not been explored. The fact that a judge prefers the evidence of a particular witness is unlikely to be sufficient, unless his stated reasons for doing so disclose a fundamental unsoundness. (**Schuler–Zgraggen v Switzerland 1993**).*"

"Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emmanuel Camilleri vs Avukat Ġenerali tat-28 ta' Ġunju 2012 irriteniet:

"*Illi huwa opportun hawnhekk li l-Qorti taghmel referenza ghal ktieb ta'* ***Jacobs and White***, *The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140, fejn l-awturi jikkummentaw fuq l-hekk imsejha "**fourth instance" doctrine**, u l-kuncett zbaljat li jezisti dwar is-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti qed tislet minn dan il-ktieb dawn il-principji:*

"***1. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts.***

"***2. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.***

"***3. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.***

"***4. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.***

"***5. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts.***"

"Finalment, kif qalet reċentement din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et tad-29 ta' Settembru 2016:

> "*Illi l-Qorti tibda biex tgħid li huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrent mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tar-rikorrent u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta. F'dan ir-rigward, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom.*"

"Stabbilit dan kollu, imiss issa li jiġu kkunsidrati l-ilmenti speċifiċi tar-rikorrent. Permezz tal-ewwel ilment tiegħu, ir-rikorrent isostni li ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq għaliex wieħed mill-aggravji tiegħu sollevat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma ġiex indirizzat u deċiż. Huwa jilmenta li l-Qorti tal-Appell ma ddeterminatx l-aggravju tiegħu fis-sens illi filwaqt li huwa ġie akkużat talli naqas milli jibgħat il-formoli tat-taxxi, f'dan il-każ il-formoli nnifishom intbagħtu imma mhux dejjem intbagħt il-pagament relattiv, u li madanakollu r-rappreżentant tat-taxxa ma setgħax jagħti dettalji dwar dawn.

"Il-Qorti sejra tibda billi tagħmel riferenza għall-każ ta' Burg and Others v. France (deċiż fit-28 ta' Jannar 2003) fejn il-Qorti Ewropea osservat illi:

> "*The Court reiterates that although Article 6 [1] obliges courts to give reasons for their decisions, it cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument [see Vande Hurk v the Netherlands, judgment of 19 April 1994, Series A no.288 para.61; Immeubles Groupe Kosser v France [dec] 38748, 9 March 1999; and Latournerie v France [dec] no 50321/99, 10 December 2002]. Nor is the Court called upon to examine whether arguments are adequately met. Courts must reply to parties' essential agruments, but the extent to which that duty applies may vary in accordance with the nature of the decision and must therefore be assessed in the light of the circumstances of the case [see, among other authorities, Hiro Balani v Spain, judgment of 9 December 1994, Series A no.303-B p.29 para.27].*"

"B'żieda ma dan, għalkemm l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea '*obliges courts to give reasons for their decisions, it cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument*' (**Garcia Ruiz v Spain**, deċiża fil-21 ta' Jannar 1999). L-istess ġie ritenut fis-sentenza **Van de Hurk v Netherlands** (deċiża fid-19 t'April 1994), **Jahnke and Lenoble v France** (deċiża fid-29 t' Awwissu 2000) u **Perez v France** (deċiża fit-12 ta' Frar 2004). Konsegwentement, il-Qorti tista' '*in dismissing an appeal, (...) simply endorse the reasons for the lower court's decision*'.

"Fl-imsemmi każ ta' **Garcia Ruiz v Spain**, ir-rikorrent ilmenta mill-fatt li l-Audiencia Provincial ta' Madrid naqas li jagħtih risposta għall-

argumenti mressqa minnu. Il-Qorti Ewropea però nnotat li r-rikorrent '*had the benefit of adversarial proceedings*' u li, f'kull waqt tal-proċeduri, '*he was able to submit the arguments he considered relevant to this case*' u fir-rigward tas-sentenza tal-Appell tal-Audiencia Provincial, din tal-aħħar '*endorsed the statement of the facts and the legal reasoning set out in the judgment at first instance in so far as they did not conflict with its own findings*' u, konsegwentement, sabet li r-rikorrent f'dawk il-proċeduri ma setax jargumenta validament '*that this judgement lacked reasons, even though in the present case a more substantial statement of reasons might have been desirable*'.

"Fil-ktieb tagħhom The European Convention on Human Rights (tielet edizzjoni) l-awturi Jacobs and White jgħidu hekk:

> "*A reasoned decision, while not expressly required by Article 6, is implicit in the requirement of a fair hearing, which has been recognized by the Court. If a court gives some reasons, then prima facie the requirement of Article 6 in this respect are satisfied, and this presumption is not upset simply because the judgment does not deal specifically with one point considered by an applicant to be material. On the other hand, if for example, an applicant were to show that the court had ignored a fundamental defence, which had been clearly put before it and which, if successful, would have discharged him in whole or in part from liability, then this would be sufficient to rebut the presumption of a fair hearing.*"[6]

"L-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jispjegaw fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention on Human Rights (tieni edizzjoni) illi:

> "*Precisely what is required will depend upon the nature and circumstances of each case. It is not necessary for the court to deal with every point raised in argument. If, however, a submission would, if accepted, be decisive for the outcome of the case, it may require a "specific and express reply" by the court in its judgment, although an "implied rejection" may be sufficient if clear.*
>
> *...*
>
> *The right to a reasoned judgment applies to appelate, as well as lower court, decisions, although an appelate judgment may not have to be so fully reasoned. It may be sufficient for an appeal court that agrees with the reasoning of the trial or lower appeal court simply to incorporate that reasoning by reference or otherwise indicate its agreement with it. The essential requirement in such cases is that, in one way or another, the appeal court shows that it "did in fact address the essential issues" in the appeal, and did not endorse them without evaluating the decision of*

[6] Paġna 158

*the lower court or allow an appeal without addressing them (Helle v Finland; Lindner and Hammermayer v Romania).*"[7]

"Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, din il-Qorti tibda billi tirrileva li minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, jirriżulta li l-Qorti kienet sodisfatta li l-formoli in kwistjoni ma ntbaghtux. Dan neċessarjament ifisser illi l-aggravju tar-rikorrent ġie kkunsidrat mill-Qorti u respint. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċitata, il-Qorti tal-Appell dan ma kellhiex għalfejn tagħmlu bi kliem speċifiċi, imma biżżejjed li jiġi muri li l-Qorti tkun indirizzat il-kwistjonijiet ċentrali mressqa quddiemha (f'dan il-każ l-aggravji sollevati mir-rikorrent), xi ħaġa li din il-Qorti hija sodisfatta li l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-fatt għamlet. B'żieda ma dan, din il-Qorti tinnota li l-akkuża miġjuba kontra r-rikorrent m'hijiex biss illi huwa ma bgħatx il-formoli relattivi, kif donnu qiegħed jippretendi, iżda tinkludi wkoll nuqqas ta' ħlas ta' taxxa u kontribuzzjonijiet relattivi.

"Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit bl-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u ċioè li jkun meqjus innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi. Dan peress illi bħala direttur tas-soċjetà Marsalite Limited huwa kien meqjus responsabbli għall-ħlas ta' taxxa u kontribuzzjonijiet f'għajnejn il-liġi.

"Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni speċifikament jipprovdi li:

"*(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*

*Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*" (Sottolinejar ta' din il-Qorti).

"Fil-fatt, huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea li huwa aċċettabbli li l-liġi tal-istati membri tipprovdi għal ċertu presunzjonijiet f'każijiet partikolari u dan ma jwassalx awtomatikament għall-ksur tas-smigħ xieraq skont l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni. Fil-każ ta' Salabiaku v France deċiża fis-7 ta' Ottubru 1988 il-Qorti ta' Strasbourg qalet proprju hekk:

"*Presumptions of fact or of law operate in every legal system. Clearly the Convention does not prohibit such presumptions in principle. It does, however, require the Contracting States to remain within certain limits in this respect as regards criminal law.* (...) *It requires States to confine them within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and maintain the rights of the defence.*"

[7] Paġna 268

"Fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention on Human Rights (Tieni Edizzjoni), l-awturi Harris, O"Boyle & Warbrick jispjegaw illi:

> "*Although the burden of proof must generally fall upon the prosecution, it may be transferred to the accused when he is seeking to establish a defence. Similarly, Article 6(2) does not prohibit presumptions of fact or of law that may operate against the accused. However, it does require that states confine such presumptions "within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and maintain the rights of the defence". This was stated in the leading case of Salabiaku v France in which the applicant had been convicted of the strict liability customs offence of smuggling prohibited goods.*
>
> *(...)*
>
> *As the Salabiaku case also decided, Article 6(2) does not prohibit offences of strict liability which are a common feature of the criminal law of the Convention parties. An offence may thus be committed, consistently with Article 6(2) on the basis that a certain act has been committed, without it being necessary to prove mens rea. Provided a state respects the rights protected bt the Convention, it is free to punish any kind of activity as criminal and to establish the elements of the offence in its discretion, including any requirement of mens rea.*"[8]

"Stabbilit dan kollu, il-Qorti tirrileva li l-artikolu 23 tal-Kap. 372 ma joħloq l-ebda preżunzjoni legali jew fattwali kontra l-imputat. Sakemm il-prosekuzzjoni ma tipprovax illi l-imputat ikun verament naqas milli jħares l-obbligi msemmija f'dak l-artikolu, huwa jibqa meqjus innoċenti.

"Dak li qed jiġi allegat f'dan il-każ huwa li l-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra r-rikorrent jilledu d-dritt tiegħu għal smigh xieraq għaliex ma ġietx applikata l-presunzjoni tal-innoċenza billi, kif jingħad fir-rikors promotorju, ir-rikorrent instab ħati <u>bħala direttur</u> tas-soċjetà Marsalite Limited.

"Fil-każ tar-rikorrent, il-prosekuzzjoni kkonvinċiet lill-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali bil-ħtija tar-rikorrent qua imputat li bħala direttur tas-soċjetà Marsalite bejn is-snin 2003 u 2006 naqas milli josserva l-obbligi tiegħu li jibgħat il-formoli u ħlasijiet relattivi u fl-ebda stadju ma ġie mittiefes id-dritt tar-rikorrent li jkun preżunt innoċenti. Il-fatt illi l-liġi tpoġġi ċertu obbligi bħal ma huma obbligi fiskali fuq diretturi ta' kumpanniji ma jfissirx illi d-direttur ikun tilef id-dritt li jiġi meqjus innoċenti.

"Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ssib illi mhuwiex minnu li d-drittijiet tar-rikorrenti ġew leżi sempliċiment għaliex instab ħati tar-reat in kwistjoni bħala direttur ta' Marsalite Limited.

---

[8] Paġna 301

"Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi ġie leż id-dritt tiegħu li jingħata smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli. Hawnhekk jirriżulta li l-attur qiegħed jilmenta mill-fatt illi huwa tressaq il-Qorti fis-sena 2011 għal reat illi huwa kkommetta bejn is-snin 2003 u 2006, b'dan illi ġie akkużat b'dan ir-reat ħames snin wara li rriżenja minn direttur ta' Marsalite Limited. Madanakollu, huwa stabbilit illi d-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea jsib applikabbli biss mill-mument li persuna tiġi mgħarrfa bl-akkuża kontriha jew miż-żmien illi din tkun ġiet affetwata sostanzjalment minħabba xi suspett kontra tagħha u l-ebda żmien antecedenti.

"Fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention on Human Rights (Tieni Edizzjoni), l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jispjegaw illi:

> "*The rights guaranted by Article 6 apply, firstly, when a "criminal charge" is being determined. Article 6 thus only begins to apply when a criminal investigation has reached the point where the applicant has been "charged" with a criminal offence*."[9]

"Huma jkomplu hekk:

> "*Like the word "criminal", "charge" has an autonomous Convention meaning. It is "the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" or some other act which carries "the implication of such an allegation and which likewise substantially affects the situation of the suspect" (Corigliano v Italy)*."[10]

"Fil-każ odjern jirriżulta li l-akkuża kontra r-rikorrent ħarġet f'Marzu tas-sena 2011. Il-proċeduri ġew fi tmiemhom definittivament permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'Diċembru tal-2012 u għaldaqstant, ċertament illi ma kien hemm l-ebda dewmien li minnu jista' jilmenta r-rikorrent fil-kuntest tad-dritt għal smigħ xieraq.

"Ir-rikorrent imbagħad jirreferi għall-prinċipji ta' '*equality of arms*' u ċertezza legali. Huwa jilmenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq jimplika li għandu jkun hemm ċertezza legali sabiex ir-reat li tiegħu nstab ħati jkollu perjodu preskrittiv bħal kull reat ieħor. Hawnhekk jidher li r-rikorrent qiegħed jilmenta mill-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi m'għandu jgħaddi l-ebda perjodu preskrittiv sakemm ir-rikorrent jottempera ruħu mal-liġi u dan skont l-artikolu 23(13) tal-Kap 372 li jipprovdi li reat taħt dak l-artikolu '*jibqa' jeżisti sakemm min jagħmel ir-reat ikun ikkonforma ma' u ħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih'*.

[9] Paġna 204
[10] Paġna 209

"Dwar il-prinċipju tal-*equality of arms* ingħad hekk mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Huseyn and Others v Azerbaijan (26 ta' Lulju 2011):

> "*That right means, inter alia, the opportunity for the parties to a trial to present their own legal assessment of the case and to comment on the observations made by the other party, with a view to influencing the court's decision.*"

"Hekk ukoll l-istess Qorti fil-każ A.B. v Slovakia (4 ta' Marzu 2003) spjegat illi:

> "*The principle of equality of arms – one of the elements of the broader concept of a fair trial – requires that each party should be afforded a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-a-vis his or her opponent.*"

"Ir-rikorrent ma jispjegax kif ġie leż id-dritt tiegħu li fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu ikun hemm *equality of arms*. Bl-ebda mod ma jirriżulta li ġie proċeduralment żvantaġġjat meta mqabbel mal-prosekuzzjoni kif tippresuponi n-nuqqas ta' *equality of arms*.
B'żieda ma dan, il-fatt illi l-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jipprovdi li r-reat jibqa' jeżisti sakemm min għamel ir-reat jikkonforma ruħu mal-liġi ma jfissirx li ġiet maħluqa xi inċertezza legali.

"Din il-Qorti jirriżultalha li permezz ta' dan l-ilment tiegħu, ir-rikorrent qiegħed sempliċiment jistieden lill-Qorti sabiex tidħol fil-mertu tal-proċeduri kriminali *de quo*. Kif sewwa jgħidu l-intimati fir-risposta tagħhom, m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tindaga jekk ir-rikorrent kienx jaf bil-fatt illi ma kienux intbgħatu l-formoli u ħlasijiet relattivi lill-Kummissarju tat-Taxxi jew li tinvestiga l-aġir tad-diretturi l-oħra tal-kumpannija. Ir-rikorrent qiegħed jistieden lill-Qorti tevalwa l-provi miġjuba fil-proċeduri kriminali, xi ħaġa li hija prekluża milli tagħmel sakemm ma jirriżultax xi nuqqas proċedurali li konsegwenza tagħhom ġie leż id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq, xi ħaġa li ma tirriżultax fil-każ tal-lum.

"Id-dritt għall-smigħ xieraq ma jinkludix fih id-dritt illi r-rikorrent jiġi kkundannat b'mod illi hu iqis li huwa ġust. Il-fatt illi m'għoġbitux is-sentenza ma jfissirx illi ġie leż id-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq. Permezz ta' dan l-ilment ir-rikorrent qiegħed sempliċiment jipprotesta mill-fatt illi ġiet imposta mill-Qorti Kriminali multa għal kull ġurnata li huwa jdum ma jottempera ruħu mal-liġi. Madanakollu, kemm il-liġi u kemm s-sentenza tal-Qorti tal-Appell huma ċari u ma tqum l-ebda kwistjoni ta' ċertezza legali. Meta r-rikorrent jottempera ruħu mal-liġi, ma jibqax jissussiti dan ir-reat.

"Finalment, ir-rikorrent jilmenta li huwa jinstab fi stat ta' impossibiltà li jirregola ruħu mal-Kummissarju tat-Taxxi. Għal darb'oħra jirriżulta li r-

rikorrent qiegħed jistieden lil din il-Qorti tinvestiga l-mertu ta' dak deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali.

"M'hemmx dubju li r-rikorrent fiż-żmien illi kien direttur tas-soċjetà Marsalite Limited kien responsabbli sabiex jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni il-formoli in kwistjoni kif ukoll il-ħlas relattiv. Ma jistax issa rinfaċċjat b'sentenza iebsa jilmenta minn nuqqas ta' smigħ xieraq sempliċiment għaliex fil-fehma tiegħu s-sentenza m'hijiex waħda ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

"Il-proċeduri kostituzzjonali u taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta mhumiex intiżi biex jerġa' jiġi eżaminat il-mertu ta' kawżi, iżda huma limitati sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni ta' dritt fondamentali fil-kors, jew b'riżultat, ta' dawk il-proċeduri. Ir-rikorrent isostni li m'għandux aċċess għall-assi u informazzjoni tas-soċjetà Marsalite Limited iżda dan ma jfissirx li huwa jinsab fi stat ta' impossibiltà li jottempera ruħu mal-liġi u wisq inqas ma jfisser li huwa ma ngħatax smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu.

"F'dan il-każ ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-proċedura li jwassal għal-leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent għal smigħ xieraq. Meta wieħed jagħsar dan l-ilment tar-rikorrent jirriżulta li huwa qiegħed jerġa jistieden lil din il-Qorti tinvestiga l-mertu deċiż fil-proċeduri kriminali u xejn aktar.

"Għalhekk, u wara li fliet bir-reqqa tal-atti proċedurali impunjati, din il-Qorti taqbel mal-intimati li l-ebda waħda mill-garanziji tas-smigħ xieraq tar-rikorrent ma ġie leż u għaldaqstant, l-ilmenti tiegħu kollha taħt l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni qegħdin jiġu miċħuda.

"Permezz tal-aħħar ilment tiegħu, ir-rikorrent jikkontendi li ġew leżi d-drittijiet tiegħu għat-tgawdija ta' proprjeta għaliex huwa allegatament m'għandux biex iħallas l-ammont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi. Jibda biex jingħad illi assolutament ma jirriżultax li r-rikorrent ġie spussessat mill-proprjetà tiegħu u allura f'dan l-istadju lanqas biss huma applikabbli l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

"Hawnhekk ir-rikorrent qiegħed għal darb'oħra jilmenta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. A skans ta' repetizzjoni, din il-Qorti sejra tillimita ruħha billi tiċċara li kemm l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdu ċar u tond għall-eċċezzjoni f'każ ta' ħlas ta' taxxa u penali u għaldaqstant, l-anqas dan l-ilment tar-rikorrent ma jimmerita li jiġi milqugħ."

## L-Appell

11. Ir-rikorrent ipprezenta l-appell tieghu permezz ta' rikors datat 16 ta' Mejju 2017, fejn talab illi din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' l-appell tieghu kif ukoll it-talbiet tieghu, u taghti rimedju xieraq u effettiv kif minnu mitlub fir-rikors promotur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

12. Ir-rikorrent jibbaza l-appell tieghu fuq tliet aggravji li, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti: (i) l-ewwel Qorti iddecidiet hazin meta lliberat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghaliex il-process kriminali nbeda fuq inizzjattiva tal-istess Kummissarju u ghalhekk huwa ghandu interess guridiku li jkun parti fil-proceduri odjerni; (ii) fid-dawl tal-fatti u tac-cirkostanzi tal-kaz partikolari tieghu, l-ewwel Qorti messha wasslet ghall-konkluzjoni li d-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli gie lez minhabba [a] li huwa qatt ma gie mgharraf bin-nuqqasijiet fiskali tal-kumpannija fil-hlas ta' taxxa ta' FSS u SSC, [b] id-dewmien eccessiv u irragjonevoli da parti tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex jagixxi ghall-gbir tat-taxxa, liema dewmien wassal ukoll biex [c] hu gie prekluz milli jkollu difiza valida kontra l-akkuzi kriminali migjuba kontrih, kif ukoll (d) ghall-ksur tal-principju ta' *equality of arms* fil-konfront tieghu; u (iii) in-nuqqas ta' proporzjon bejn l-ammonti li ghandu jaghti in linea ta' taxxa, taxxa addizzjonali u multi li gie kkundannat ihallas mill-Qorti fil-proceduri

kriminali fuq naha wahda, u l-beneficcju li r-rikorrent ppercepixxa mill-kumpannija, jinterferixxu fit-tgawdija tal-possedimenti tieghu bi ksur tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

13. Ghal dan l-appell l-intimati pprezentaw risposta fil-25 ta' Mejju 2017 fejn ghar-ragunijiet hemm imfissra, sostnew li l-appell tar-rikorrent ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**L-Aggravji**

L-Ewwel Aggravju

14. Ir-rikorrent isostni illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa l-legittimu kontradittur tat-talbiet tieghu u l-ewwel Qorti ma messitx liberatu mill-osservanza tal-gudizzju. L-intimati wiegbu illi biex jigi determinat jekk "*persuna gietx imharrka b'mod tajjeb jew le, wiehed irid ihares b'mod esklussiv lejn dak li qed jintalab minn min fetah il-kawza.*" F'dan il-kuntest, l-ewwel Qorti qieset illi, permezz tal-azzjoni tieghu, ir-rikorrent qieghed jattakka l-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tieghu, u mhux xi azzjoni diretta tal-Kummissarju tat-Taxxi.

15. L-Artikolu 181B, li hija d-dispozizzjoni fil-kodici fuq indikat intiza biex tirregola r-rapprezentanza tal-Gvern fl-atti gudizzjarji, tipprovdi

kjarament li r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita fil-kap tad-dipartiment koncernat kif ukoll, f'certu oqsma, fil-persuni indikati fil-proviso tal-istess Artikolu u, fil-kazijiet li ma jaqghux taht l-ewwel subinciz, allura r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita fl-Avukat Generali.

16. Din il-Qorti tosserva illi r-rikorrent, fir-rikors promotur, qieghed jimpunja *inter alia* is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Huwa daqstant evidenti li l-ilmenti tar-rikorrent taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huma msawra fuq <u>it-totalita` tal-process</u> fil-kaz tieghu u ghalhekk ukoll fuq id-dewmien konsistenti fit-trapass ta' tmien snin <u>qabel</u> il-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab lill-Kummissarju tal-Pulizija jressaq lir-rikorrent bl-azzjoni kriminali taht il-Kap. 372 u l-Avviz Legali 88 tal-1998.

17. Din il-Qorti tosserva li, irrispettivament mill-kwistjoni jekk ghandux ragun jew le ir-rikorrent fil-mertu tal-ilment tieghu dwar il-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, xejn ma jista' jwarrab il-fatt li r-rikorrent jattribwixxi, in parte, il-ksur lamentat taht dawn l-artikoli lill-intimat il-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-proceduri kriminali migjuba fuq talba tieghu. Ir-rikorrent mhux qed jattakka biss l-operat tal-Qorti, izda wkoll l-operat (jew nuqqas ta' azzjoni) tal-Kummissarji tat-Taxxi Interni, indipendentement mill-

proceduri kriminali li eventwalment tniedu kontrih fuq talba tal-istess Kummissarju. Ghalhekk, filwaqt li huwa evidenti li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jistax jahti ghall-ksur ta' xi wahda mill-garanziji tas-smigh xieraq waqt il-process gudizzjarju ghad-determinazzjoni tal-htija kriminali tar-rikorrent, it-talba u d-decizjoni relattiva li jindirizzaw specifikatament id-dewmien fl-agir attribwit lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni antecedentement ghat-tehid ta' azzjoni kriminali, ghandhom jigu diretti kontra l-istess intimat. Huwa f'dan is-sens li ghandhom isibu applikazzjoni f'dan il-kaz, fil-konfront ta' dan l-intimat id-dispozizzjoniijet tal-Artikolu 181B.

18. B'zieda mal-premess, ir-rikorrent jallega wkoll ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostitizzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Jilmenta, tajjeb jew hazin, illi l-fatt li huwa mistenni jhallas lill-intimat il-Kummissarju tat-Taxxi Interni (i) l-ammont ta' taxxa ta' FSS u SSC li kellha titnaqqas mis-salarji tal-impjegati tal-kumpannija Marsalite Limited, pju` (ii) l-ammont ta' taxxa addizzjonali imposta mill-istess intimat bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 372 u l-Avviz Legali 88 tal-1998, u jrid ihallas ukoll (iii) l-ammont rapprezentanti il-multi kriminali ordnati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, huwa leziv tad-dritt tieghu protett mill-imsemmija Artikoli tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Huwa evidenti illi dan l-ilment partikolari

tar-rikorrent huwa indirizzat mhux biss lejn l-operat tal-Qorti bil-piena inflitta fil-proceduri kriminali, izda wkoll lejn l-operat tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala l-awtorita` li qieghda tesigi minghand ir-rikorrent il-hlas tat-taxxa addizzjonali u multi amministrattivi li, skont ir-rikorrent, huma ezorbitanti, u li sejra fl-ahhar analizi, tippercepixxi direttament dan il-hlas.

19. Ghalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa persona idonea biex twiegeb ghall-ilmenti tar-rikorrent f'din l-azzjoni u konsegwentement, l-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa gustifikat u ghandu jintlaqa'.

*It-Tieni Aggravju*

20. Bit-tieni aggravju tieghu, ir-rikorrent jirribadixxi illi huwa sofra ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Dan l-aggravju huwa msejjes fuq erba' binarji: (a) il-fatt li n-nuqqas tal-kumpannija li thallas it-taxxa tal-FSS u SSC fis-snin relevanti, ma gie qatt zvelat lilu qabel it-tehid tal-proceduri kriminali kontrih; (b) in-nuqqas ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli minhabba d-dewmien fit-tehid ta' azzjoni da parti tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni; (c) il-ksur tal-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza, u (d) il-ksur tal-principju tal-ugwaljanza tal-armi.

*Nuqqas ta' Gharfien*

21. Rigward l-ewwel aspett ta' dan l-aggravju, din il-Qorti tqis illi hawnhekk ir-rikorrent rega' qanqal ghal darb'ohra l-istess difiza li ressaq quddiem il-qrati ordinarji fil-proceduri kriminali. Ir-rikorrent jilmenta illi huwa gie misjub hati tal-akkuzi minkejja li ma kienx gie mgharraf dwar in-nuqqas tal-kumpannija li tonora l-obbligi fiskali taghha, u jghid li dan il-fatt gie mistur lilu ghal diversi snin mid-diretturi l-ohra tal-kumpannija kif ukoll mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li skont l-istess rikorrent, baqa' qatt ma interpellah biex jirrimedja n-nuqqas. Ir-rikorrent jaghmel enfasi partikolari f'dawn il-proceduri fuq il-fatt li huwa ma kien gie qatt mgharraf bil-ksur tal-ligijiet fiskali da parti tal-kumpannija, u jsostni li "*il-mod kif dan kollu gie mistur ghalih kien deprivazzjoni ghad-dritt tieghu li jkollu smigh xieraq*".

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

22. Fir-rigward, din il-Qorti tqis li bhala direttur tal-kumpannija fiz-zmien meta l-kumpannija naqset milli tosserva l-ligijiet fiskali, ir-rikorrent ma jistax jakkampa fuq id-difiza li ma kienx jaf bin-nuqqasijiet tal-kumpannija. Anke jekk dan kien il-kaz, id-diretturi qatt ma jistghu

jinhelsu mir-responsabbilitajiet li tghabbi l-ligi fuqhom. Din il-Qorti tirribadixxi li:

> “Id-diretturi ma jistghux jaharbu mir-responsabbilta` taghhom billi jghidu li huma ma kienux jafu x’kienet il-vera sitwazzjoni tal-kumpannija li ma jifhmux jew li huma joqghodu fuq dak li jghidulhom il-konsulenti imqabbda minnhom. .... Direttur anke jekk non executive jew minoritarju ghandu l-istess responsabbilita` bhad-diretturi l-ohra u ghandu l-obbligu li jkun jaf u jimpenja ruhu li jwettaq id-doveri imposti fuqu mil-ligi.”[11]

23. Ukoll:

> “Ladarba huwa kien direttur huwa kellu jaderixxi ruhu mal-obbligi kollha ta’ direttur u jinteressa ruhu anke fl-aspett finanzjarju tal-kumpannija li tieghu, kemm siehbu kif ukoll hu, huma f’ghajnejn il-ligi responsabbli ghall-obbligi tal-kumpannija”.[12]

24. Fuq kollox, din il-Qorti ma tistax ma tosservax, b’referenza ghax-xhieda ta’ Winifred Flores quddiem l-ewwel Qorti, illi din ix-xhud ikkonfermat b’mod inekwivoku li r-rikorrent kien prezenti waqt il-laqghat tal-kumpannija fejn kienet tigi diskussa l-problema tal-likwidita` kif ukoll in-nuqqas ta’ pagamenti ta’ kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali u taxxa provvizorja. Ix-xhud xehdet li d-diretturi kollha kienu jinghataw kopja tad-dokumenti li kien fihom il-figuri dwar taxxi mhux imhallsin[13].

---

[11] Q.Kos. 26/2003 **Dottor Andrew Borg Cardona nomine vs. Victor Zammit** et deciz 14 ta’ Mejju 2010

[12] Q.Kos. 57/2012 **Il-Pulizija vs Angelo Abela** deciz 30 Settembru 2016 para.38

[13] Din il-Qorti tifhem li d-dokument prodott mir-rikorrent a fol. 110 *et seq.* ma fihx accenn ghall-ammonti dovuti in linea ta’ taxxi ghaliex, filwaqt li skont ix-xhud Flores dan jelenka d-debituri u mhux il-kredituri tal-kumpannija, ix-xhud Stefan Azzopardi ikkonferma li l-ewwel darba li l-kumpannija naqset milli thallas it-taxxa tal-FSS u SSC kienet fil-2003 - qabel kienet dejjem imhallsa[13]. Id-dokument imsemmi jirreferi ghas-sena 2002.

25. Fid-dawl tal-premess it-tezi tar-rikorrent fir-rigward hija legalment u fattwalment insostenibbli, kemm ghax bhala direttur hu kellu l-obbligu li jaccerta ruhu li jkun informat dwar dak kollu relatat mal-kumpanija, kif ukoll ghax hemm xhieda ta' terzi mhux kontradetta li timmilita kontra t-tezi tieghu.

26. Apparti minn hekk, dan l-aggravju fih innifsu, ma huwiex ilment ta' natura kostituzzjonali ghaliex ma jittrattax l-osservanza o meno tal-obbligi kostituzzjonali jew konvenzjonali da parti tal-iStat vis-à-vis ic-cittadin, u kwindi jezorbita mill-funzjonijiet u s-setghat ta' din il-Qorti. Oltre dan, kif tajjeb ikkonkludiet is-sentenza appellata, huwa pacifiku li l-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha ma tista' qatt isservi bhala Qorti tat-tielet jew addirittura f'dan il-kaz, ir-raba' istanza, biex ticcensura zbalji ta' fatt jew ligi li setghu saru mill-qrati ordinarji, ahseb u ara biex tirrevedi l-evalwazzjoni tal-fatti u l-provi mressqa fil-kors ta' proceduri quddiem il-qrati ordinarji u tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghhom b'taghha.

27. Jinghad ukoll ghall-kompletezza illi jekk ir-rikorrent jemmen li huwa kien vittma ta' ngann jew ta' xi komplott tad-diretturi l-ohra tal-kumpannija anke bil-komplicita` tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, bil-ghan li jigi addebitat personalment bin-nuqqasijiet fiskali tal-kumpannija,

zgur li dan l-ipotesi ma jistax jigi ezaminat taht l-ottika tal-Konvenzjoni jew il-Kostituzzjoni, imma se mai il-kaz jaqa' fil-kompetenza tal-qrati ordinarji.

28. Ghal dawn il-motivi, dan l-ewwel aspett tat-tieni aggravju tar-rikorrent huwa infondat u qed jigi respint.

*Dewmien Irragonevoli - Equality of Arms – Prezunzjoni tal-Innocenza*

29. Fir-rigward tat-tieni binarju ta' dan l-aggravju, ghandu jinghad qabel xejn li din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li qalu l-intimati fir-risposta tal-appell taghhom fis-sens illi l-ilment tar-rikorrent dwar id-dewmien huwa dirett biss lejn dewmien fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontrih. Fi kliemhom l-intimati jfissru l-aggravju tar-rikorrent in kwantu ghall-element tad-dewmien, fis-sens li "*il-kaz dam hafna biex jinqata'*". Dan mhux ghal kollox korrett. Huwa manifest illi d-dewmien li jilmenta minnu r-rikorrent ghall-finijiet tal-lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq ma huwiex id-dewmien biex jinqatghu l-proceduri kriminali, izda d-dewmien addebitat primarjament lill-agir tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni meta, minflok ma agixxa tempestivament biex jigbor it-taxxa dovuta mill-kumpannija fiz-zmien meta l-kumpannija kien ghad kellha assi, halla

tmien snin jghaddu qabel ma ddecieda li jipprocedi bi proceduri kriminali kontra tieghu.

30. Ir-rikorrent itenni illi f'dawn it-tmien snin, huwa qatt ma gie avzat li l-kumpannija ma hallsitx dawn it-taxxi, u sar jaf b'dawn in-nuqqasijiet fiskali biss wara li l-kumpannija kienet spiccat topera, u meta allura ma kienx ghadu direttur u ma kellux iktar access ghall-kotba tal-kumpannija. Ir-rikorrent kien inekwivoku fl-ilment tieghu dwar id-dewmien li huwa indirizzat principalment fir-rigward tal-istadju antecendenti ghall-ordni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex jittiehdu passi kriminali kontrih.

31. Ir-rikorrent jilmenta, li t-trapass ta' dawk is-snin kollha minghajr ma l-intimat il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jiehu passi konkreti kontra l-kumpannija biex jigbor dak lilu dovut, u minghajr ma jgharraf lir-rikorrent tempestivament bin-nuqqasijiet fiskali relattivi, ghalih fisser li ma seta' jaghmel xejn biex jassigura li l-kumpannija twettaq l-obbligi taghha biex b'xi mod isir il-hlas. Jghid li l-fatt wahdu illi huwa kien wiehed mid-diretturi tal-kumpannija Marsalite Limited fiz-zmien meta saret dovuta t-taxxa in kwistjoni, liema taxxa ma thallsitx, iwassal necessarjament ghal dikjarazzjoni ta' htija fil-konfront tieghu minghajr ma nghata l-opportunita` li jkollu difiza valida. Dan, skont ir-rikorrent jimpingi fuq l-

applikazzjoni shiha fil-konfront tieghu tal-principju ta' *equality of arms* u tad-dritt tieghu li jigi prezunt innocenti.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

32. Fir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula fl-ezami tal-ewwel binarju u tosserva li, tenut kont li r-rikorrent bhala direttur kien jaf jew ragjonevolment messu kien jaf bl-istat finanzjarju tal-kumpanija, huwa kellu l-opportunita` ampja sabiex jindirizza l-problemi finanzjarji tal-kumpanija. F'dan il-kaz kif gia` fuq muri, ir-rikorrent kien jaf li t-taxxa ma kenitx qed tithallas u allura hu, bhala wiehed mid-diretturi, kellu l-obbligu legali li juza d-diligenza necessarja sabiex jassikura li qabel ma jitlaq mill-kumpanija din ma tibqax inadempjenti fir-rigward, u d-dewmien da parti tal-Kummissarju sabiex jipprocedi kontra tieghu kriminalment ghall-gbir tat-taxxa dovuta lilu mhux talli ma jwassalx ghal vjolazzjoni ta' dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq, imma talli jimmilita kontra r-rikorrent fid-dawl tal-konsiderazzjoni li dan kellu zmien altru minn bizzejjed sabiex jiehu l-mizuri diretti necessarji sabiex tithallas it-taxxa dovuta ghaz-zmien li huwa kien wiehed mid-diretturi. La darba huwa kien jaf bil-pozizzjoni finanzjarja prekarja tal-kumpannija huwa messu ha l-mizuri necessarji sabiex jikkawtela l-pozizzjoni tieghu *multo magis* meta kien jaf li ser

jitlaq mill-kumpannija bir-rizultat li ma kienx ser ikollu aktar kontroll fuq il-gestjoni taghha u access ghad-dokumenti relattivi.

33. Ghall-kompletezza, din il-Qorti tosserva illi c-cirkostanzi ta' dan il-kaz huma distinti minn dawk fil-kaz fl-ismijiet **John Geranzi Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**,[14] fejn f'kaz ta' *self-assessment*, l-intimat kien dam 27 sena biex johrog l-avviz tar-rijfut. F'dak il-kaz, ghalkemm kienet giet riskontrata vjolazzjoni minhabba appuntu dewmien da parti tal-intimat li jagixxi tempestivament, din l-inazzjoni pprekludiet lis-socjeta` rikorrenti milli jkollha access effettiv ghall-organi gudizzjarji, billi ma setghetx tikkontesta d-decizjoni tal-intimat qabel effettivament kien gie irrilaxxat l-avviz tar-rifjut. F'dan il-kaz tal-lum, b'differenza mal-kaz fuq indikat il-kwistjoni ma hix jekk il-Kummissarju qabilx jew le ma' self-assessment maghmul mill-kontribwent izda hi li ma sarx hlas ta' taxxa u kontribuzzjonijiet socjali li m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li huma dovuti u ma thallsux.

34. Ghalhekk l-aspett tal-aggravju tar-rikorrent li jittratta lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, m'huwiex fondat u qed jigi michud.

*"Equality of Arms" u Presunzjoni ta' Innocenza*

[14] Q.Kos. 30 Novembru 2012

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

35. Mizmuma fermi l-konsiderazzjonijiet gia` maghmula dwar ir-responsabbilitajiet tad-diretturi ta' kumpannija anke fil-qafas fiskali, u l-parametri li fihom jistghu jsibu applikazzjoni l-garanziji tad-dritt ghal smigh xieraq taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, din il-Qorti tqis li z-zmien meta l-Kummissarju tat-Taxxi Interni iddecieda li jmexxi bil-proceduri ghall-gbir tat-taxxi lilu dovuti, huwa immaterjali ghall-finijiet tad-determinazzjoni dwar jekk sehhx ksur tal-principju tal-ugwaljanza tal-armi.

36. Ma jistax ma jigix osservat illi, ghalkemm jista' jkun minnu li r-rikorrent wara li spicca minn direttur, ma kellux il-jedd li jibghat formoli ta' taxxa ghan-nom ta' kumpannija li ma kienx ghadu jirrapprezenta, kellu kull jedd jaghmel f'kull zmien, hlas ghan-nom ta' terz skont il-principji generali tas-surroga fil-Kodici Civili. Fuq kollox, jirrizulta manifest minn ezami tal-atti tal-process kriminali, illi waqt l-imsemmija proceduri kriminali r-rikorrent ma gie prekluz f'ebda stadju u b'ebda mod mill-opportunita` li jipprezenta d-difiza tieghu u li jgib ix-xhieda. Kif qalu tajjeb l-intimati xejn ma seta' jibdel l-istat ta' fatt li l-formoli ghaz-zmien relevanti ma kienux gew sottomessi u t-taxxa ma thallsitx. Ghalhekk, din il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent fil-kuntest ta' dan l-aggravju, illi s-

sitwazzjoni setghet tkun "*kompletament differenti*" ghalih kieku l-proceduri ttiehdu mill-bidu nett, ma huwa xejn hlief ipotetiku u mhux sostnut mill-provi.

37. Fuq kollox, din il-Qorti tifhem illi d-decizjoni li ma jittiehdux minnufih proceduri penali f'kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' taxxi, ma ssirx biex jigi arrekat pregudizzju lil min ghandu pendenzi tal-hlas ta' taxxi, izda pjuttost sabiex ikun hemm l-opportunita` biex l-individwu jottempera ruhu mal-ligi jew biex jintlahaq ftehim bonarju ghall-hlas tal-pendenzi.[15]

38. Ghal dawn ir-ragunijiet, u mill-mod kif svolga l-kaz tar-rikorrent, din il-Qorti ma tirravviza ebda ksur tal-principju tal-ugwaljanza tal-armi.

39. In propozitu ghall-allegata lezjoni tal-prezunzjoni tal-innocenza fil-konfront tar-rikorrent, fis-sentenza taghha fil-kaz ta' **Barberá, Messegué and Jabardo v. Spain**, il-Qorti Ewropea fissret illi l-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza:-

> "… requires, *inter alia*, that when carrying out their duties, the members of a court should not start with the pre-conceived idea that the accused has committed the offence charged; the burden of proof is on the prosecution, and any doubt should benefit the accused[16].

[15] **Il-Pulizija v. Angelo Abela**, *Ibid*
[16] Deciza 6/12/1988, pg. 77.

40. Jigi osservat li la l-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u lanqas l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jaghtu x'jifħmu illi l-impozizzjoni *ut sic* fuq persuna akkuzata tal-piz ta' prova ta' certi fatti jilledi l-principju generali dwar il-prezunzjoni ta' innocenza. Fir-rigward din il-Qorti tirribadixxi:

> "…… li l-preżunzjoni tal-innoċenza tfisser, fost l-oħrajn, li l-piż tal-prova jaqa' ġeneralment fuq il-prosekuzzjoni [Ara.Q.E.D.B. 6.12.1988 fil-kawża *Barbera', Messegue' & Jabardo vs Spanja* (Applik. Nru. 10590/83) par. 77]. Madankollu, dan ma jfissirx li f'kull każ il-piż tal-prova irid ikun biss fuq il-prosekuzzjoni. L-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u kif ukoll l-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni tagħna jagħrfu dan, f'tal-aħħar b'mod espress permezz ta' *proviso*. L-artikoli msemmija ma humiex kontra li xi liġi tistipula għal preżunzjonijiet ta' fatt jew ta' dritt li jaħdmu kontra l-persuna mixlija. Iżda huwa mistenni li l-Istat jillimita tali preżunzjonijiet b'mod raġonevoli li jieħu qies tas-siwi ta' dak li l-każ jinvolvi u tal-jeddijiet tad-difiża xierqa.Ara Q.E.D.B. 7.10.1988 fil-kawża *Salabiaku vs Franza* (Applik. Nru. 10519/83) par. 27-8] Fost tali prezunsjonijiet li jitqiesu li ma jmorrux kontra l-imsemmija artikoli giet identifikata dik fejn direttur ta' kumpannija jitqies ħati ta' offiża mwettqa mill-kumpannija li tagħha huwa direttur [KummE.D.B.10.12.1991 fil-kawża *AG vs Malta* Applik. Nru. 16641/90];
>
> 29. Dan għalhekk ifisser li, sakemm is-sejbien ta' ħtija jkun jidher li nstilet mill-eżistenza ta' xhieda probativa fl-atti proċesswali, l-imsemmija preżunzjoni tal-innoċenza ma titqiesx mittiefsa, ukoll jekk tali xhieda tkun indiretta."[17]

41. Il-Qorti ezaminat id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 327 u tal-Avviz Legali 88 tal-1998 safejn dawn huma relevanti ghall-pozizzjoni tar-rikorrent u t-talbiet tieghu u ma rriskontrat xejn li jista' jitqies bhala vjolattiv tal-garanzija ta' dan l-aspett tad-dritt ghal smigh xieraq fil-kaz tar-rikorrent. Fil-Kap. 372, senjatament fl-Artikolu 23 u b'mod specifiku fis-subincizi (7) u (13), jirrizulta li l-unika presunzjoni mahluqa bl-imsemmi artikolu

[17] Kos. 26/2004 Sydney Ellul Sullivan v. Kummissarju tal-Pulizija 28 Jannar 2013 para.28-29

hija li fil-kaz ta' avviz ta' talba li jibqa' ma jigix kontestat quddiem il-Qorti fiz-zmien preskritt il-ligi tipprovdi illi, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju mill-persuna li ma hallsitx it-taxxa li kellha tigi mnaqqsa u mhallsa (inkluza t-taxxa addizzjonali talvolta imposta mill-Kumissarju), dak l-avviz ikun fih innifsu prova sufficcjenti tal-ammont fih indikat.

42. Izda din il-Qorti ma tqisx li bl-ispostament tal-oneru tal-prova dwar il-korrettezza tal-ammonti reklamati ghal fuq il-persuna akkuzata jista' jigi rravvizat ksur tal-principju generali enunzjat mill-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni. Fir-rigward, huwa evidenti li l-prezunzjoni stabbilita fis-subinciz (7) ma tnaqqas xejn mill-oneru tal-prosekuzzjoni, f'proceduri kriminali mnedija taht is-subinciz (13), li tipprova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li l-persuna akkuzata tkun kissret jew naqset milli thares id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 23 jew l-Avviz Legali relattiv.

43. Fil-kaz odjern, minn ezami tal-process kriminali[18] ma jirrizultax illi l-prosekuzzjoni giet mehlusa mill-obbligu taghha li tressaq l-ahjar prova u kull prova relevanti favur jew kontra l-akkuzat. Infatti, mill-atti tal-kawza kriminali ma jirrizultax illi r-rikorrent qatt ikkontesta l-fatt illi l-formoli tat-taxxa ma ntbaghtux, u li l-hlas tat-taxxi relattivi wkoll baqa'

[18] Allegat mal-process ta' din il-kawza in virtu` ta' digriet moghti minn din il-Qorti fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2018.

ma sarx; jikkontesta biss ir-responsabbilita` kriminali tieghu ghal dan in-nuqqas. Jirrizulta wkoll illi kien f'dan il-kwadru ta' fatti u provi, li l-Qorti fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrent kienet sodisfatta illi l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi.

44. Ferm il-premess, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi l-ligijiet citati mir-rikorrent fir-rikors promotur ma joholqu ebda prezunzjonijiet li jistghu jitqiesu bhala lezivi tad-dritt protett mill-Konstituzzjoni jew il-Konvenzjoni u lanqas jirrizulta li kien hemm lezjoni tad-dritt tal-prezunzjoni ta' innocenza fil-kaz kriminali.

45. Ghal dawn il-motivi, it-tieni aggravju ma huwiex misthoqq u qed jigi respint fl-intier tieghu.

*<u>It-Tielet Aggravju</u>*

46. Ir-rikorrent jilmenta illi l-ewwel Qorti ma kenitx korretta meta rriteniet li ma jirrizultax li huwa gie spossessat mill-proprjeta` tieghu u li allura m'humiex applikabbli d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

47. Ir-rikorrent fisser hekk l-aggravju tieghu:

"Fuq dan l-aspett l-esponenti jtenni illi fis-snin kollha li huwa kien direttur talkumpannija, huwa kellu introjtu totali ta' €60,000 - u lanqas dan l-introjtu kollu ma rcieva ghax fil-fatt kif irrizulta mid-dokurnenti ezebiti meta l-esponenti nnegozja biex jitlaq mill-kumpannija kien ghad hemm pendenzi x'jithallsu. Bil-proceduri kriminali fuq imsemmija, apparti li l-esponenti wehel multa ta' €400 u penali ta' €4 kuljum ghal kull gurnata li tghaddi sakemm jidhlu l-formoli u jsir il-hlas relattiv, l-esponenti qed jintalab li huwa jhallas ukoll it-taxxa relattiva.

"Jekk wiehed jara d-dokument a fo169 tal-process, it-taxxa tal-FSS huwa ta' €94,048 u tas-sigurta socjali huwa ta' €229,531 (u hawn mhux qed jigi rnaghdud rnaghhom ittaxxa addizjonali). Certament ma hemm l-ebda proporzjon dwar il-beneficcju li ha l- esponenti bil-hidma tieghu fil-kumpannija u dak li qed jintalab minghandu midDipartiment.

"L-esponenti kien jahdern mal-kumpannija u kellu d-dritt li jithallas ta' xogholu izda mhux talli se jispicca ma jithallasx tax-xoghol tieghu talli huwa qed jintalab li jhallas ammonti sostanzjali ferm u ferm iktar mill-amrnont li qatt ircieva rnill-kumpannija waqt l-impieg tieghu hemmhekk.

"Dan l-izbilanc l-esponenti jhoss li huwa zbilanc li jaffetwa l-possedimenti tieghu u ghalkemm ghall-grazzja tal-argument l-esponenti jtenni illi dak li qed jintalab gharrigward ta' taxxa *per se* jista jigi meqjus bhala dritt li qed jaghmel id-Dipartiment skont il-ligi, mhernmx bilanc xieraq (fair balance) bejn dak li qed jintalab minghandu u l-beneficcju li ha hu fil-kumpannija.

"B'dan l-izbilanc l-esponenti jhoss li hemm lok li jigi indirizzat tenut kont kemm il-multa gornaljera imposta fuq l-esponenti kif ukoll l-ammont tat-taxxa li l-esponenti qed jintalab li jhallas - *multo magis* tenut kont il-fatt illi l-esponcnti kien biss shareholder ta' ftit inqas minn 25% tal-kumpannija".

48. Min-naha taghhom l-intimati wiegbu ghal dan l-aggravju billi jissenjalaw li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli ghax ma sar ebda tehid tal-proprjeta` jew xi dritt fil-proprjeta` tar-rikorrent; li l-proviso tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jaghti d-dritt lill-iStat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni; li l-flus li qed jesigi l-Kummissarju tat-Taxxi mir-rikorrent huma taxxa pura, jigifieri ammonti dovuti bhala

taxxa u bolla mnaqqsa mill-pagi tal-impjegati; li r-rikorrent gab b'idejh is-sitwazzjoni li qieghed fiha llum dovuta ghan-nuqqas tieghu li jaderixxi mal-obbligi tieghu ta' direttur; li l-beneficcju li hu ha mill-kumpannija ma jistax validament jitqies bhala kriterju ghall-finijiet tal-proporzjonalita` u li l-multa inflitta mill-qrati kriminali m'hijiex vjolattiva tal-principju tal-proporzjonalita`.

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

49. L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, fil-parti li tista' tkun relevanti ghall-kaz tal-lum, jipprovdi hekk:

> "37. (1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist -
> (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;
>
> "…
>
> "(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà -
>
> "(a) bi ħlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet;
>
> "(b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta', ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali; …."

50. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

51. Din il-Qorti tibda billi tosserva li biex l-impozizzjoni ta' taxxa tkun gustifikata skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 fuq imsemmi hu mehtieg li t-taxxa imposta ma timponix piz eccessiv fuq il-persuna intaxxata jew tinterferixxi fondamentalment fis-sitwazzjoni finanzjarja taghha, ghaliex altrimenti dik l-impozizzjoni tkun tinkwadra fl-ambitu tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 u jkun mehtieg li tigi ezaminata ghall-konformita` o meno ma' dak il-paragrafu[19]. Fil-kaz **Gasus Dosier v. The Netherlands**,[20] il-Qorti Ewropea, filwaqt li affermat il-principju li l-iStati membri ghandhom margini wiesa' ta' apprezzament dwar il-mizuri addottati mill-awtoritajiet tat-taxxa fil-ligi domestika, minhabba l-htiega specjali li mizuri fiskali jkunu sufficcjentement effettivi biex jipprezervaw l-interessi tal-iStat, osservat ukoll li dawn il-mizuri ma jridux jikkozzaw mal-principju tal-proporzjonalita`. Infatti, il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu affermat konsistentement li, b'mod generali, il-Qorti tirrispetta l-ghazliet

---

[19] **Enrietta Bianchi et v. Avukat Generali et** – supra.
[20] Appl.15375/87 deciza 23 Frar 1995

tal-legislatura domestika "*unless it is 'manifestly without reasonable foundation'*".[21]

52. In propozitu, hija relevanti l-osservazzjoni maghmula minn dik il-Qorti fil-kaz appena msemmi ta' *Gasus Dosier*, rigward il-mizuri addottati mill-iStati Membri ghall-gbir u enforzar tat-taxxi:–

> "Consequently a legislature may in principle resort to that device to ensure, in the general interest, that taxation yields as much as possible and that tax debts are recovered as expeditiously as possible. Nonetheless, it cannot be overlooked that, quite apart from the dangers of abuse, the character of legislation by which State creates such powers for itself is not the same as that of legislation granting similar powers to narrowly defined categories of private creditors. Consequently, further examination of the issue of proportionality is necessary in this case."[22]

53. Gie ritenut ukoll in materja tal-element tal-proporzjonalita` illi:

> "The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol 1 as a whole. In each case involving an alleged violation of that Article the court must therefore ascertain whether by reason of the State's interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden" [Hutten Czapyuska v. Poland – para.166 – 19 Gunju 2006][ ara ukoll Mellacher v. Austria, 19 Dicembru 1989, Lithgrow and others v. United Kingdom, 8 Lulju 1986."[23]

54. Applikat il-premess ghall-kaz odjern, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

---

[21] Vide **Stec and Others v. The United Kingdom** [GC], no 65731/01 and 65900/01, para 52 ECHR 2006 – VI.
[22] *Ibid.* para.66
[23] **Trimeg Limited vs Malta**, deciz 27 ta' Settembru 2011.

55. Fl-ewwel lok, jigi senjalat li r-rikorrent mhux qed jintalab li jhallas il-multi amministrattivi li, tenut kont tal-entita` taghhom, jistghu jikkwalifikaw bhala ta' natura kriminali, izda qed jintalab li jhallas l-ammont ta' taxxa pura, konsistenti kemm f'taxxa fuq l-introjtu tal-kumpannija li taghha huwa kien ko-direttur u ko-azzjonista wkoll, kif ukoll ammont li l-kumpannija naqqset mill-paga tal-impjegati u, minflok ghaddiethom lill-Kummissarju tat-Taxxi intimat skont il-ligi, zammithom ghaliha. Ghalhekk il-principju tal-proporzjonalita` ftit li xejn ghandu applikazzjoni f'dan il-kaz ghax il-vertenza meritu tal-kaz odjern m'hijiex l-entita` tas-sanzjonijiet u jekk dawn jikkrejawx zbilanc bejn il-mizuri imposti mill-iStat intizi sabiex jigi assikurat il-hlas ta' dak dovut lill-erarju pubbliku u l-interess tal-individwu li jiprotegi d-dritt fundamentali tieghu ghat-tgawdija ta' hwejgu, izda l-mertu jittrata kreditu purament civili li l-Kummissarju jsostni li hu ghandu fil-konfront tad-diretturi tal-kumpannija, inkluz ir-rikorrent. Ghalhekk ukoll ma jistax jigi ravvizat ksur taht l-Artikolu 37[1] tal-Kostituzzjoni moqri fid-dawl tal-paragrafu [a] subinciz [2] tieghu.

56. Fit-tieni lok, din il-Qorti tissenjala wkoll li apparti mill-fatt provat li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed jiddeduci l-istess pretensjonijiet kontra d-diretturi l-ohra, anke fil-kaz li r-rikorrent jigi ordnat ihallas l-ammont kollu pretiz, huwa dejjem ghandu d-dritt ta' rivalsa kontra d-

diretturi l-ohra ghas-sehem taghhom mid-dejn imhallas minnu. Ghalhekk anki minn dan l-aspett ma jistax jigi validament sottomess li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa ezorbitanti u jilledi l-principju tal-proporzjonalita` ghax huwa dejjem ghandu d-dritt skont il-ligi ordinarja li jiehu lura minghand id-diretturi l-ohra dak li huwa dovut minnhom.

57. Fit-tielet lok, din il-Qorti tosserva li huwa legalment insostenibbli l-paragun li qed jaghmel ir-rikorrent bejn il-beneficcju li hu dahhal mill-kumpannija u l-ammont mitlub minnu ghax l-bilanc gust ravvizat fil-Konvenzjoni jinvolvi paragun bejn l-interessi tar-rikorrent li jiprotegi hwejgu u l-interess tas-socjeta` in generali li dak li hu dovut lill-erarju pubbliku jithallas, irrispettivament kemm irrendiet lir-rikorrent l-attivita` kummercjali tieghu. Jekk l-intrapriza li dahal ghaliha r-rikorrent falliet, dan xorta ma jeskolpahx milli jhallas sehemu tat-taxxa u tal-boll dovut, ghax ir-riskju li kienet tinvolvi d-decizjoni tieghu li jsir wiehed mid-dirigenti tal-kumpannija huwa riskju li ha hu u m'ghandu ebda relevanza ghall-finijiet tal-hlas tat-taxxa dovuta lill-Kummissarju intimat.

58. Kif gustament sottomess mill-intimati:

> "….l-argument migjub mill-appellant li l-ammont ta' taxxa pendenti huwa akbar mis-salarju li huwa dahhal meta kien jahdem ghall-kumpannija Marsalite Limited bl-ebda mod ma jnehhi l-fatt li dak l-ammont ta' taxxa u bolla mnaqqsa mill-pagi tal-impjegati baqa' ma thallasx. Fl-istess waqt, dan il-fatt lanqas ma jeskolpa dak li l-appellant naqas milli jaghmel meta huwa kien ghadu direttur tal-kumpannija.

> Tassew l-appellant ma jistax jippretendi li n-nuqqasijiet tieghu jigu minsija jew mifdija billi jinheba wara l-iskuza tal-ammont ta' salarju li huwa ppercepixxa … … … . Fi zgur l-appellant ma jistax issa jigi jipprova jahsel idejh bhallikieku huwa qatt ma ghamel xejn hazin billi jghid li huwa m'ghandux flus jew billi jsostni illi t-taxxa dovuta taqbez l-introjtu tieghu prezenti. Dan kollu l-appellant messu qiesu qabel ma wettaq ir-reati li wehel bihom."

59. Barra minn hekk, il-piena komminata mill-qrati kriminali ta' multa ta' darba ta' €400 flimkien ma' penali gjornaliera ta' €4 sakemm ir-rikorrent jaderixxi mad-dettami tal-ligi, zgur ma tistax titqies bhala piena sproporzjonata meta jigi ikkonsidrat li t-taxxa pura u kontribuzzjonijiet socjali dovuti mill-kumpannija, dejjem ghaz-zmien relevanti, tlahhaq l-ammont sostanzjali ta' €323,494.

60. Finalment dwar l-aspett tan-*ne bis idem* kontemplat fl-Artikolu 39 [9] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, din il-Qorti wara li ezaminat il-provi u semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet fir-rigward, tosserva li ghalkemm il-kumpanija kienet giet intimata mill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex, flimkien mat-taxxa pura thallas ukoll it-taxxa adizzjonali li tenut kont tal-entita` taghha tikkwalifika bhala piena ta' natura kriminali, ir-rikorrent qatt ma gie personalment intimat sabiex ihallas it-taxxa addizzjonali wkoll u fir-rigward tieghu l-Kummissarju llimita t-talba tieghu ghall-hlas tat-taxxa pura. Ghaldaqstant il-piena inflitta mill-qrati kriminali fil-konfront tar-rikorrent tirrizulta li hija l-unika

piena li giet imposta fuqu fil-kapacita` tieghu personali u ghal din ir-raguni ma tirrizultax lezjoni tal-principju tan-*ne bis in idem.*

61. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi respint.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrent billi tilqghu in parte u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddecidiet li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni m'huwiex legittimu kuntradittur u minflok, tiddikjara illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu legittimazzjoni passiva f'din il-kawza; tichad l-appell ghall-bqija u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jkunu a kariku tar-rikorrent, filwaqt li dawk relattivi ghall-appell ikunu a kariku tar-rikorrent in kwantu ghal zewg terzi [$^{2}/_{3}$] u r-rimanenti terz [$^{1}/_{3}$] ikunu a kariku tal-intimati appellati.

Silvio Camilleri
Prim Imhallef

Giannino Caruana Demajo
Imhallef

Noel Cuschieri
Imhallef

Deputat Registratur
df